MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Numru. 39/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**PHILIP AZZOPARDI**
**CHRISTOPHER ANGELO GRECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PHILIP AZZOPARDI** ta' dsatax il-sena, bin John u Josephine nee Bugeja, imwieled Victoria, Ghawdex nhar l-hmistax ta' Ottubru 1984 u residenti 'Ave Maria', Triq il-Hamrija, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 42084G u **CHRISTOPHER ANGELO GRECH** ta' wiehed u ghoxrin sena bin Angelo u Mary Rose ne Rapa, imwieled l-Istati Uniti tal-Amerika u residenti 39, Triq Ghajn Qasab, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numruj 441194M gew imressqa quddiemha akkuzat talli fit-tletin ta' Awissu

2003 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu f'Ghajnsielem, Ghawdex;

1. Ingurjaw jew heddtu jew ghamlu offiza lil ispettur Antonello Grech u PS 1233 John Attard, Ufficjali tal-Korp tal-Pulizija u kwindi persuni nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku u dan bil-hsieb li jbezzghuhom u jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi minn Awtorita kompetenti;
3. Talli fl-istess data, hin u lok, ma obdewx ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija;
4. Philip Azzopardi wahdu talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor billi kkaguna hsarat fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAV 172 ghad-dannu ta' Emanuel Cassar;
5. Philip Azzopardi wahdu talli fl-istess data, lok u hin voluntarjament kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 1233 John Attard, Ufficjal Pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li jkun ghamel d-dmirijiet tieghu jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tieghu.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hdax ta' Marzu 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li

staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issibhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Dwar il-piena:

Il-Qorti qiset ic-cirkostanzi segwenti meta giet biex tapplika il-piena idoneja ghalkemm tistqarr li l-akkuzi kif kontemplati fl-artikolu 95 u 96 ghandhom jinghataw importanza kbira ghaliex, wara kollox, il-Pulizija Ezekuttiva qeghda hemm biex tipprotegi lic-cittadini fis-socjeta, li wara kollox l-imputat jifforma parti minnha. Il-Qorti ma tistax thalli lil individwi jattakkaw u jirrezistu Ufficjal Pubbliku minghajr ma tikkundanna tali agir.

1. Il-kolloborazzjoni totali tal-imputati sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe mill-mument li rrilaxxjaw l-istqarrija taghhom dakinhar tal-incident u cioe nhar t-tletin ta' Awissu 2003 a tempo vergine, liema stqarrijiet jinstabu esibiti fl-atti markati bhala dokument CSH 3 u CSH 4 rispettivament.
2. L--ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati fl-ewwel appuntament moghti lilhom u cioe mal-presentata.
3. Il-fatt li ghamlu tajjeb ghall-hsarat sofferti minn Emanuel Cassar u li l-istess Emanuel Cassar iddikjara li m'ghandhux pretenzjonijiet kontra l-imputat tant li rrinunzja ghal azzjoni kriminali;
4. Il-fatt li l-imputati kienu ghadhom kemm gew aggrediti minn terzi persuni ftit qabel ma kellhom l-inkontru mal-Ufficjali tal-Pulizija in desamina u ghalhekk kienu disturbati w irrabbjati b'diversi griehi fuqhom;
5. Il-fedina penali taghhom esibiti fl-atti w immarkati bhala dokumenti CSH 1 u CSH 2 liema fedini penali huma indellibbli b'ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqhom;
6. L-eta pjuttost tenera tal-imputati u l-fatt li ddikjaraw li jiddispjacihom ta' dak li ghamlu.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 95, 96, 2325(c), 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddikjara li l-ewwel akkuza fil-konfront tal-imputati bhala preskritta ai termini tal-artikiolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe bl-gheluq tat-tlett xhur u dan ghaliex l-allegata kontravenzjoni saret fit-tletin ta' Awissu 2003 u l-imputati zgur ma gewx notifikati qabel t-tmintax ta' Dicembru 2003, stante li c-citazzjoni giet ippresentata fir-Registru tal-Qorti nhar t-tmintax ta' Dicembru 2003 u konsegwentement wara l-gheluq ta' tlett xhur u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.**

**Dwar l-erbgha akkuzi l-ohra fuq imsemmija, il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputati PHILIP AZZOPARDI u CHRISTOPHER ANGELO GRECH hatja u tiddecidi li tpoggihom taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax [18] il-xahar mill-lum ai termini tal-artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina l-Ufficjal ideali ghal tali imputat.**

**L-Ufficjal tal-Probation hekk nominat ghandu jirrelata lura lil din l-Qorti dwar l-andament tal-imputati probationers darba kull sitt xhur.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputati l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huma jonqsu li josservawha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------